**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

## 1.00 Laqgħa Numru KA28.

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Ottubru 2013, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-6.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - Viċi *Chairperson.*
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Vincent Borg - Membru u s-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-18 t' Ottubru 2013.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Kisi tal-Passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi.
3. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
4. Xogħlijiet ta' tisbiħ fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.
5. Tiżjin tal-Milied 2013 fix-Xlendi.
6. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
7. Mistoqsijiet mill-membri.
8. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA27.

## 2.00 Kisi tal-Passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi.

2.01 Il-Kuntrattur ser jibda x-xogħol fuq il-passaġġ tax-Xlendi. Dan il-passaġġ se jsir kollu u d-differenza li ma ssirx b'€30,000 napplikaw mill-UIF.

## 3.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.

3.01 Għadu qed jiġi diskuss il-kuntratt ma' Gatt Tarmac Ltd. sabiex jiġi ffirmat il-kuntratt fit-2 ta' Novembru 2013. Hekk kif ikun iffirmat dan il-kuntratt jinbdew ix-xogħlijiet fuq Triq Ta' Rinota, Triq il-Kavallieri u Triq ir-Rumani.

**4.00 Xogħlijiet ta' tisbiħ fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.**

4.01 Ix-xogħol ta' *embellishment* ta' Triq il-Kantra se jibda matul ix-xahar ta' Novembru 2013 peress li sal-aħħar ta' Settembru 2013, dan ix-xogħol ma setax isir minħabba li l-MEPA u l-MTA jimponu li ma jsirux xogħlijiet ta' twaqqigħ u skavar f'postijiet turistiċi bejn il-15 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru.

**5.00 Tiżjin tal-Milied 2013 fix-Xlendi.**

5.01 It-tiżjin tal-Milied fix-Xlendi ser isir bħas-sena l-oħra. Nagħmlu *fairy lights* maz-zkuk tal-Palm billi jinqalgħu l-*fairy lights* li hemm mal-passaġġ tax-Xtajta u ta' Trejqet il-Madonna tal-Karmnu.

**6.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

6.01 Ma kienx hemm x'jiġi rrapportat fir-Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.

**7.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

7.01 Is-Sur Mark Busuttil ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li ser issir *petition* minħabba li l-ilma tal-wied ma għadux jissaffa qabel ma jaqa' l-baħar.

**8.00 Materji oħra.**

8.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***